



2024/1729

17.6.2024

**DEĊIJONI TA' IMPLEMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2024/1729**

**tas-17 ta' Ġunju 2024**

**li timplementa d-Deċiżjoni 2010/231/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni  
fis-Somalja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/231/PESK tas-26 ta' April 2010 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Somalja<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' April 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/231/PESK.
- (2) Fil-21 ta' Mejju 2024, il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurta tan-Nazzjonijiet Uniti (KSNU) stabbilit skont ir-Riżoluzzjoni 2713 (2023) tal-KSNU dwar Al-Shabaab approva ż-żieda ta' tliet persuni mal-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi.
- (3) Jenħtieġ għalhekk li d-Deċiżjoni 2010/231/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness I tad-Deċiżjoni 2010/231/PESK huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħi fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fil-Lussemburgu, is-17 ta' Ġunju 2024.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. MARON

---

<sup>(1)</sup> ĠU L 105, 27.4.2010, p. 17

## ANNESS

Il-persuni li ġejjin jiżdiedu mal-lista ta' persuni u entitajiet li tinsab fit-taqṣima "I. Persuni" fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2010/231/PESK:

**I. Persuni**

"23. Abdikadir Mohamed Abdikadir (magħruf ukoll bħala: a) Abdukadır b) Abdukadır Mohamed Abdukadır c) Abdulkadir d) Abdulkadir Mohamed Abdulkadir e) İkrīma)

**Deżinjazzjoni:** Mexxej għoli ta' Al-Shabaab

**Data tat-Twelid:** 1985

**Nazzjonaliità:** is-Somalja, il-Kenja

**Indirizz:** Somalia

**Data tad-deżinjazzjoni tan-NU:** 21 ta' Mejju 2024

**Sess:** raġel

**Informazzjoni oħra:** Elenkat skont il-paragrafu 26(b) tar-riżoluzzjoni 2662 (2022): (i) il-parcipazzjoni fil-finanzjament, l-ippjanar, l-iffaċilitar, it-tħejjija, jew it-twettiq ta' atti jew attivitajiet minn, flimkien ma', taħt isem, f'isem, jew b'appoġġ għal Al-Shabaab u (iii) ir-reklutaġġ għal atti jew attivitajiet ta' Al-Shabaab jew ta' kwalunkwe ċellola, grupp affiljat, sottogrupp dissidenti jew derivattiv tagħhom, jew l-appoġġ bi kwalunkwe mod ieħor għal dawn l-attivitajiet.

24. Mohamed Mohamud Mire (magħruf ukoll bħala: Mohamed Mire)

**Deżinjazzjoni:** membru ta' Shura ta' Al-Shabaab

**Data tat-twelid:** a) 1962 b) 1960 c) 1955

**Post tat-twelid:** Kismayo, is-Somalja

**Nazzjonaliità:** Somalia

**Indirizz:** a) Jilib, Somalia b) Qunyo Barrow, Somalia

**Data tad-deżinjazzjoni tan-NU:** 21 ta' Mejju 2024

**Sess:** raġel

**Informazzjoni oħra:** Elenkat skont il-paragrafu 26 tar-riżoluzzjoni 2662 (2022): (a) kien involut fi, jew ipprova appoġġ għal, atti li jheddu l-paċi, is-sigurtà jew l-istabbiltà tas-Somalja, inkluż atti li jheddu l-proċess ta' paċi u r-rikonċiljazzjoni fis-Somalja, jew jheddu l-Gvern Federali tas-Somalja jew l-AMISOM bil-forza; u (b)(i) il-parcipazzjoni fil-finanzjament, l-ippjanar, l-iffaċilitar, it-tħejjija, jew it-twettiq ta' atti jew attivitajiet minn, flimkien ma', taħt isem, f'isem, jew b'appoġġ għal Al-Shabaab.

25. Mohamed Omar Mohamed (magħruf ukoll bħala: a) Ma'd Umurow b) Mohamed Omar Hajji c) Mohamed Omar Ma'alim d) Mohamed Hajji Omar)

**Deżinjazzjoni:** Mexxej (Wali) tal-grupp Al-Shabaab f'Diinsor

**Data tat-Twelid:** 1976

**Post tat-twelid:** Taflow Village, Berdaale District, Bay Region, is-Somalja

**Nazzjonaliità:** Somalia

**Indirizz:** a) Diinsor District, Bay Region, Somalia b) Buur Hakaba District, Bay Region, Somalia

**Data tad-deżinjazzjoni tan-NU:** 21 ta' Mejju 2024

**Sess:** raġel

**Informazzjoni oħra:** Elenkat skont il-paragrafu 26(b) tar-riżoluzzjoni 2662 (2022): (i) il-parcipazzjoni fil-finanzjament, l-ippjanar, l-iffaċilitar, it-tħejjija jew it-twettiq ta' atti jew attivitajiet minn, flimkien ma', taħt l-isem ta', f'isem, jew b'appoġġ għal Al-Shabaab; u (iii) ir-reklutaġġ għal atti jew attivitajiet ta' Al-Shabaab jew ta' kwalunkwe ċellola, grupp affiljat, sottogrupp dissidenti jew derivattiv tagħhom, jew l-appoġġ bi kwalunkwe mod ieħor għal dawn l-attivitajiet." (traduzzjoni mhux uffiċjali).